KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 445 (8-73)

It-Tnejn 25 ta' Settembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber (daħlet għal-laqgħa fis-6.40pm)
Il-Kunsillier Kurstein Sant (daħal fis-6.35pm)
Il-Kunsillier Julian Borg (ħareġ mil-laqgħa fid-8.45pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**445.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**445.1.2** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**445.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**445.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 443 u 444. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**445.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**445.2.3** 443.11 Il-Kunsillier Julian Borg saqsa jekk il-proposti tal-Kunsill kienux intbagħtu jekk kienx hemm approvazzjoni minn naħa tal-Ministeru. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-proposti intbagħtu u li rigward il-proposti ta' siti ġodda għad iridu jiġu kkonfermati mill-awtorita' wara spezzjoni fil-post.

**445.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**445.3.1** Is-Sindku qal ukoll li inħarġu permess wkoll għal xogħolijiet f'toroq oħra minn Instrastructure Malta fosthom Triq Annabelle Vassallo u Triq l-Imqabba, parti minn Triq il-Knisja l-Qadima/Triq Lapsi, Ta' Żiri, Ta' Bellu u parti fi Triq Panoramika. Hu qal li ser isir koordinament biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli.

**445.3.2** Is-Sindku qal li fil-junction Ta' Brija sar traqqiegħ estensiv bil-konkos, u bini bix-xibka biex tkun tiflaħ għal piż ta' ammont ta' trakkijiet li jgħaddu minn hemm. Is-Sindku qal li fadal ix-xogħol x'isir biex eventwalment tinkesa bl-asfalt.

**445.3.3** Is-Sindku qal li ntbagħtu diversi emails dwar it-tappiera tal-WSC fit-telgħa ta' Għajn il-Kbira biex titranġa, possibilment isir intervent tajjeb mhux tiswija fuq li hemm. Minkejja dan, ix-xogħol għadu ma sarx.

**445.3.4** Skema LC Care
Is-Sindku qal li attenda għall-konferenza stampa għat-tnedija ta' skema ta' LC Care għal ħabta ta' Jannar 2024. Is-Sindku qal ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-iskema LC Care tas-sena 2020 għadha pendenti u hu ġibed l-attenzjoni dwar dan, idejalment l-iskema tiġi magħluqa biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal oħra. Is-Sindku qal li sa din il-ġimgħa stess għadha qed issir il-verifikazzjoni, u ċċekjar tal-claim għar-rifużjoni.

**445.3.5** Is-Sindku qal li r-Reġjun Punent qegħdin iħejju kalendarju ta' attivitajiet għas-sena d-dieħla 2024, biex l-attivitajiet reġjonali ma jaħbtux. Hu qal li għalissa għaddejna d-dettalji ta' l-attivitajiet li jsiru regolari, il-festa ta' San Nikola u l-festi ż-żgħar tal-kappelli, Jum is-Siġġiewi, l-Mixgħela, Festa Għeneb u Milied fis-Siġġiewi.

**445.3.6** Is-Sindku informa li avviċinawh is-Siġġiewi Scout group biex issir attivita' għaċ-ċelebrazzjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif. Is-Sindku qal li talbu għajnuna loġistika mill-Kunsill għal attivita' ambjentali u taħwil ta' siġar. Ġie identifikat is-sit f'Ta' Brija fejn tnaddaf minn Project Green, u ser jingħataw numru ta' siġar mill-istess Project Green. Is-Sindku qal li għandha tiġi miftehma data għal din l-attivita'.

**445.3.7** Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier

Is-Sindku qal li x-xogħol fil-park għaddej b'ritmu tajjeb. Hu qal li qed jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ tul it-triq. Issa beda l-proċess mal-Enemalta biex jiġu rilokati l-arbli tad-dawl. Huwa informa li qed isiru laqgħat fuq il-post kull ġimgħa fejn jingħataw aġġornamenti fuq ix-xogħol u kull issue tiġi trattata minnufih.

**445.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**445.5 Għeluq tax-xogħolijiet ta' Triq is-Siġġiewi**

**445.5.1** Is-Sindku qal li wara li l-proposti tal-Kunsill kemm dwar il-parkeġġ fi Triq Papa Pawlu VI u anka dwar ir-roundabout tal-junction fi Triq is-Siġġiewi fejn bil-kundizzjonijiet mogħtija ser jintilfu numru konsiderevoli ta' parkeġġi fiż-żona, is-Sindku qal li talab laqgħa urġenti mac-CEO ta' Transport Malta biex jiġu diskussi b'urġenza dawn il-materji biex b'hekk ix-xogħol ikun jista jiġi finalliżżat. Is-Sindku qal li iddiskuta mal-Perita ta' Infrastructure Malta iżda dan mhux fil-kompetenza tagħha, peress li huma jimxi ma' approvazzjonijiet ta' Tm, li hija l-awtorita' regulatorja. Il-laqgħa mistennija fil-ġranet li ġejjin, u l-Kunsill jinżamm aġġornat.

**445.5.2** Il-Kunsillier Kurstein Sant qal jekk hemmx possibilta' li Triq Papa Pawlu VI tiġi one-way bil-kontra biex ikunu jistgħu jintrebħu xi parkeġġi. Is-Sindku qal li wara li ltaqa' mas-sidien tal-ħwienet taż-żona ġie ssuġġerit ukoll parkeġġ bil-ħin għall-klijenti, speċjalment il-parti tal-bidu ta' Triq is-Siġġiewi fejn twessgħet il-bankina u għalhekk naqsu numru ta' parkeġġi. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir applikazzjoni għal parkeġġi bil-ħin.

**445.6 Ħruġ tal-permess tal-Proġett Komunitarju (spazju miftuħ) f'Ramija**

**445.6.1** Is-Sindku nforma li l-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar tal-proġett komunitarju issa inħareġ. Huwa qal li dan il-proġett ta il-bidu tiegħu lura fl-2020, fuq inizjattiva ta' NGO b'kollaborazzjoni ta' diversi ministeri. Huwa qal li minkejja diversi ostakli, il-proċess baqa' għaddej, biex issa finalment inħareġ il-permess u eventwalment jibda x-xogħol. Is-Sindku qal li ż-żona ta' Ramija hija mixtieqa għal żvilupp simili biex igawdu kemm ir-residenti u anka nies oħrajn. Hu qal li meta dan il-proġett ikun lest, l-ownership u manutenzjoni tkun f'idejn il-Kunsill Lokali.

**445.7 Xogħolijiet fuq bankini ġodda**

**445.7.1** Is-Sindku qal li sar ħafna xogħol ta' bankini ġodda minn Inftrastructure Malta inkluż fil-proġett ta' bini ta' toroq ġodda. Minkejja dan għad fadal diversi bankini x'jissewwew biex ikun hemm aċċessibilta' aħjar. Is-Sindku qal li saret il-laqgħa fil-post mal-kuntratturi fi Triq Dun Manwel Zammit għal tlett belisha humped crossings li jinkludu wkoll tranġar ta' bankini skond ir-regolamenti tat-traffiku. Hu qal li intalbet stima riveduta, u din l-ispiża telgħet ħafna iktar milli kien maħsub, kemm minħabba spejjeż ta' pavimentar u anka trinek u loġistika. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol huwa prijorita assoluta minħabba sigurta'.

**445.8 Bżonn ta' staff amministrattiv addizjonali**

**445.8.1** Is-Sindku qal li jinħass nuqqas kbir ta' staff amministrattiv fil-Kunsill. Hu qal li l-amministrazzjoni ma tistax tlaħħaq mal-ammont ta' xogħol. Id-domanda tal-pubbliku dejjem tiżdied, fi ħlasijiet, permessi, ilmenti u rikjesti oħra u allura ħafna jilmentaw li ma jirnexxilhomx jinqdew bit-telefon. Hu qal li jista' jikkonferma dan peress li jgħaddi ħafna ħin fl-uffiċċju u x-xogħol ma jieqafx.

Apparti dan l-amministrazjoni triq tagħmel ukoll xogħol ieħor ta' proċeduri, finanzi u mitt ħaġa oħra. Is-Sindku qal li ovvjament biex timpjega staff klerikali hemm proċedura li tiħu ż-żmien tagħha u anka tinvolvi allokazzjoni ta' madwar €20 elf.

**445.8.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-Kunsill kellu persuna assenjata miegħu għal xogħol tal-uffiċċju u t-tneħħija tagħha inħasset u tefgħet piż fuq l-istaff. Huwa qal li filwaqt li jaqbel li hawn nuqqas ta' staff, il-fatt li d-Dipartiment naqqas persuna li ma kienetx titħallas mill-Kunsill iżda assenjata meta din kienet tagħmel ammont ta' xogħol, mhux ġust li issa l-kunsill ikollu jalloka eluf mill-allokazzjoni tiegħu biex jimpjega persuna flokha. Hu qal li l-allokazzjoni tal-Kunsill diġa hija ristretta u limitata. Il-Kunsillier Borg qal li l-Kunsill għandu jinsisti li tiġi assenjata persuna klerikali mal-Kunsill biex tirrimpjazza l-persuna li tneħħiet.

**445.9** **Post mortem Festa Għeneb 2023**

**445.9.1** Is-Sindku qal li kienet attivita' impenjattiva ħafna, iżda suċċess. Qal li kienu jumejn ta' sfida, b'koordinament kontinwu mal-għaqdiet biex din setgħet tkun possibbli. Huwa qal li kien hemm rejazzjoni pożittiva mmens mill-pubbliku, grazzi għal grupp żgħir ta' nies li taw ħilithom kollha. Is-Sindku rringrazja l-Kunsilliera li taw sehemhom biex din l-attivita' setgħet isseħħ. Huwa qal li l-ilmenti kostruttivi li tressqu s-sena l-oħra ġew trattati u jidher li din is-sena ma kienx hemm ilmenti partikolari.

**445.9.2** Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace talbet rendikont tal-ispiża għal din l-attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kontijiet għadhom kemm bdew deħlin u tkun tista' tippreżenta lista 'il quddiem.

**445.10** **Follow-up tax-xogħol taħt il-kuntratti tas-servizzi tal-knis u tindif rurali**

**445.10.1** Is-Sindku qal li sussegwenti għall-penali imnaqqsa mill-kontijiet tax-xahar li għadda kif deċiż fis-Seduta, iż-żewġ kuntratturi kitbu lura dwar dan. Il-Kuntrattur tat-tindif tan-Non Urban saħansitra bgħat ittra bl-avukat. Is-Sindku qal li minkejja dan, għadu mhux sodisfatt mix-xogħol mogħti minnhom u għad hemm nuqqasijiet kbar minn dak rikjest fil-kuntratt. Is-Sindku kompla jgħid li la l-ammont u l-kwalita' ta' xogħol mogħti minnhom u lanqas l-attitudni ma hi denja tal-valur tal-kuntratt u dan qed jirrifletti ħażin fl-istandard ta' ndafa fil-lokalita'.

**445.10.2** Wara diskussjoni dwar ir-rapport tax-xogħolijiet għax-xahar ta' Settembru, is-Sindku propona li jerġa jkun hemm penali skond il-kundizzjonijiet tal-Kuntratti. Il-Kunsill unanimament qabel.

**445.10.3** Il-Kunsillier Julian Borg ħareġ mill-laqgħa fid-8.45pm.

**445.11** **Ftehim tal-Permanent Sustainable Mobility Measures Competition**

**445.11.1** Is-Sindku informa li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien rebaħ l-ewwel premju fil-kompetizzjoni bl-applikazzjoni intitolata SGW – Sustainable Granted Walk, għall-ammont ta' €50,000. Huwa qal li kien hemm konferenza stampa fis-16 ta' Settembru li għaliha attendiet il-Kunsillier Francine Farrugia. Il-proġett jikkonsisti f'bike u walking tracks, sinjali adekwati, bike racks, bankijiet, u footpath modification. Is-Sindku rringrazja lill-Kunsilliera Francine Farrugia flimkien mal-amministrazzjoni li ħadmu fuq din l-applikazzjoni.

**445.12** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**445.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**445.13** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**445.13.1** Tismija ta' toroq
Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mill-Kumitat Tismija ta' Toroq b'risposta għat-tweġiba tal-Kunsill biex Triq id-Dejqa (parti minn ma jsiriliex tibdil fl-isem). Il-Kumitat qal li residenti qegħdin jitolbu numerar uffiċjali u qabel ma titranġa il-problema, ma jistgħux jiproċedu. Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li f'dik il-parti tat-triq kien hemm il-Kavallerizza, għalhekk bix-xieraq li din tibqa' tissemma. Il-Kunsill unanimament qabel li l-parti ta' Triq id-Dejqa li tiżbokka fi Triq il-Kbira tissemma Trejqa il-Kavellerizza.

**445.13.2** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal talba biex tissemma it-triq li tibqa' sejra ma' Triq l-Imdina minn Triq Dun Manwel Zammit għal ġol-wied tal-Ħesri sa ħdejn il-pont, peress li marru joqgħodu xi residenti. Saret proposta li tissemma Triq il-Pont tal-Hesri. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta.

**445.13.3** Ħinijiet ta' ġbir ta' skart
Is-Segeratarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mir-Reġjun Punent dwar tibdiliet fl-iskeda tal-ġbir ta' skart. Wara li l-Kunsill iddiskuta dan, kien hemm qbil li ma jkunx hemm tibdiliet fil-ħinijiet, anka peress li indraw u mexjin tajjeb. Issemma l-ġbir tal-ħġieġ li idejalment ikun ġurnata qabel il-ġbir tar-riċiklaġġ ħalli l-għada jinġabru l-kaxxi tal-kartun li jibqgħu jiġru fit-toroq. Issemmiet ukoll il-possibilta' li tiżdied ġabra tal-borża l-griża.

**445.13.4** Applikazzjoni PA5060/23 Wine Bar in 7 Triq il-Parroċċa, Sqaq Nru.1, is-Siġġiewi
Is-Sindku refera għall-korrispondenza minn resident dwar din l-applikazzjoni fejn qed joġġezzjona minħabba diversi fatturi. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li jirreferi lir-residenti biex iressqu sottomissjoni direttament huma bir-raġunijiet tagħhom. Il-Kunsill dejjem għandu jżomm id-dritt għal oġġezzjoni. Id-data tas-sottomissjonijiet tagħlaq fid-29 ta' Settembru 2023.

**445.13.5** Amministrazzjoni tal-vaċċin tal-infuwenza
Is-Segretarju Eżekuttiv irrferiet għall-korrispondenza biex il-Kunsill jamministra l-vaċċin tal-influenza. Is-Sindku qal li bħal issa ċ-ċentru tas-saħħa ta' Ħal Qormi jinsab magħluq u r-residenti Siġġiwin qed ikollhom imorru Birkirkara. Huwa propona li l-Kunsill jaċċetta li jamministra l-vaċċin bil-berġa fiċ-ċentru ċiviku biex jitnaqqas l-iskariġġ. Is-Sindku qal li anka jekk dan ġa jiġġenera iktar xogħol lill-istaff amministrattiv, iżda huwa servizz essenzjali. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**445.13.6** Is-Sindku rrefera għal nota ta' ringrazjamemt mill-familja Bonello għat-tismija ta' Triq Karmenu Bonello.

**445.13.7** Wifi f'postijiet pubbliċi
Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn ġejna infurmati li il-points li kienu qed jiġu operati minn Tech.mt jużaw teknoloġija antika u internet li mhux b'saħħtu għad-domanda biex ilaħħaq mas-sistemi tal-lum. Ġejna infurmati li din l-inizjattiva m'għadhiex sostenibbli u s-servizz ser jitwaqqaf uffiċjalment fit-30 ta' Settembru 2023. Is-Sindku qal li qed nistħarrġu l-ispiża biex jiġi offrut wifi pubbliku fil-postijiet l'iktar frekwentati. Hemm possibilta' li l-ħlas għal dan is-servizz jiġi rimborsat mid-Diviżjoni.

**445.14** **Rapport tal-ilmenti**

**445.14.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**445.15** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**445.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**445.16** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**445.16.1** Il-Viċi Sindku infurmat li ser torganizza party fit-30 t'Ottubru 2023 bit-tema tal-Halloween. Dan ser isir b'kollaborazzjoni mal-Każin Banda San Nikola li ser jagħmlu attivita fis-shelters ta' Pjazza San Nikola.

**445.16.2** Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li hemm bżonn żabra tas-siġar int u nieżel il-Wied tal-Hesri u tindifa ħdejn il-bankijiet.

**445.17** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**445.17.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.

**445.17.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23t'Ottubru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 25 ta' Settembru 2023

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |